**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu, 2001**

**Numru 12**

**Avviz. numru 413/00JR**

**People Enterprises Ltd.**

**vs**

**Kompact Trading Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Marzu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm101.20), rapprezentanti l-prezz ta' avviz/"advert" li giet pubblikata mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta fil-25 ta' Frar, 1999, fil-gurnal "The Business Times", bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-4 ta' April, 2000, fejn intqal li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-servizz rez mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, li ghalih jirreferi l-ammont mitlub, gie pacut bil-fornitura ta' merkanzija lill-istess socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta, kif fil-fatt kien gie miftiehem bejn il-partijiet, u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Jesmar Valletta. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi skond ma xehed Jesmar Valletta, Managing Director mas-socjeta` konvenuta kienu ghamlu xi tlieta jew erba' reklami u ftehmu verbalment fuq "barter". Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet tipprovdilhom stationery u computer consumables, u l-kont ta' dawn gie offset mal-kont tas-socjeta` attrici kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti Dok.JV1 sa JV8, hlief ghall-ammont ta' mija u lira Maltija u ghoxrin centezmu li ghadhom dovuta.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm101.20).**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**